Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Talba Numru. 305/2003

**Canadian Brothers Ltd**

**Vs**

**Brian Darmanin**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u sitta u sebghin lira Maltija (Lm376) import ta' erba' kambjali ta' erbgha u disghajn lira Maltija (Lm94) il-wahda li skadew rispettivament fit-3 ta' Ottubru 2000, it-3 ta' Novembru 2000, it-tlieta ta' Dicembru 2000 u t-tlieta ta' Jannar 2001.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra l-kambjali.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u sitta u sebghin lira Maltija (Lm376), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------